KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

28 ta’ Dicembru 2011

## LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Minuti tal-Laqgha Straordinarja tal-Hames Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejjah il-laqgha straordinarja tal-Hames Kunsill Lokali Floriana li nzammet **nhar it-Tlieta 20 ta' Dicembru 2011 fil-17.30.**

Il-laqgha straordinarja tal-Hames Kunsill Lokali Floriana nzammet b'din l-agenda:-

1. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji
2. Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju

Ghal-laqgha straordinarja tal-Hames Kunsill kien hemm prezenti **is-Sindku Nigel Holland, il-Vici Sindku Franco Davies, il-Kunsillier Edward Torpiano, il-Kunsillier Vincent Borg u l-Kunsilliera Sandra Sammut Hili flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Svetlick Flores, assistit mill-iskrivana E. Theuma.**

**Bidu tal-laqgha:**

Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Nigel Holland.

## 1.0 Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji

1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza **60-05**, li gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha.

1.2 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Vincent Borg u ssekondat mill-Kunsillier Edward Torpiano, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-hlasijiet ta’ kontijiet pendenti indikati bhala cekk nru 10160 sa 10170, bir-rizultat:

Favur: 5 (NH, SSH, FD, ET, VB)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

1.3 Ghaldaqstant, l-iskeda ta' pagamenti sabiex jigu approvati l-hlasijiet għaddiet u giet iffirmata mill-Sindku Nigel Holland, minn zewg Kunsilliera u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 2.0 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju

2.1 Is-Sindku Nigel Holland stieden lis-Segretarju Ezekuttiv iressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju sat-30 ta' Settembru 2011 li gie ccirkolat mal-avviz tal-laqgha.

2.2 Wara li gie evalwat u diskuss dan ir-rapport, tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Edward Torpiano u ssekondata mill-Kunsillier Vincent Borg biex dan ir-rapport finanzjarju jigi approvat.

2.3 Ittiehed vot favur il-mozzjoni, bir-rizultat kien:

Favur: 5 (NH, FD, ET, VB, SSH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

## TMIEM IL-LAQGHA

Il-laqgha ntemmet fil-17.35

Nigel Holland
Sindku

Svetlick J. Flores
Segretarju Ezekuttiv